**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Numru 117/2025 MS*

**Darren James Vella**

**Vs.**

**L-Avukat tal-Istat, u b'digriet tat-22 ta' Marzu 2025,**
**l-Avukat Ġenerali ġie msejjaħ fil-kawża**

Illum, 27 ta' Marzu 2025

Kawża Numru: 11K

1. Din hija sentenza finali dwar azzjoni li fiha r-rikorrent qed jallega ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu b'rabta ma' ġuri li qed jinstema' f'dawn l-istess ġranet.

2. B'rikors preżentat minnu fil-21 ta' Marzu 2025, ir-rikorrenti talab lil din il-Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna, u mogħtija dawk il-provvedimenti kollha neċessarji fiċ-ċirkostanzi:

i. Tiddikjara li bil-fatti hawn esposti ġie vjolat jew aktarx se jiġi vjolat id-dritt fundamentali tar-rikorrent kif sanċit fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporata fil-liġi Maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. Tiddikjara li bil-fatti hawn esposti ġie vjolat jew aktarx se jiġi vjolat id-dritt fundamentali tar-rikorrent kif sanċit fl-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporata fil-liġi Maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. Ulterjorment, tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura it-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

3. B'dikriet mogħti fit-22 ta' Marzu 2025, il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-24 ta' Marzu 2025.

4. Din il-Qorti kif impoġġija ordnat il-konnessjoni tal-kawża odjerna mal-kawżi bin-numri 115/2025 u 116/2025, u kif ukoll sar qbil bejn id-difensuri kollha li «*…minkejja li l-kawża bin-numru 116/2025 u 117/2025 għadhom ma hux formalment quddiem din il-Qorti u lanqas appuntati għas-smigħ, it-trattazzjoni li ser issir dwar ir-rimedju provviżorju tkun tgħodd anke għal dawk il-kawżi u l-Qorti tkun tista' wkoll f'dawk il-kawżi tipproċedi għal digriet dwar dak ir-rimedju l-istess kif tista' tipproċedi f'din il-kawża*».

5. B'dikriet kamerali mogħti fit-22 ta' Marzu 2025, ġiet miċħuda t-talba għall-għoti ta' rimedju provviżorju, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti[1].

6. L-intimat u l-kjamat fil-kawża ressqu r-risposta tagħhom fil-25 ta' Marzu 2025, li permezz tagħha ġie eċċepit dan li ġej:

1. Illi preliminarjament, jiġi eċċepit li in kwantu l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent għadhom pendenti, l-esponenti jeċċepixxu formalment l-intempestività ta' din l-azzjoni u dan in kwantu l-lanjanzi tar-rikorrent huma mibnija

[1] L-inkartament relattiv għat-talba u għad-deċiżjoni dwar ir-rimedju provviżorju jġorru n-numru progressiv 117/2025/1.

fuq allegata leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. L-esponenti jirrilevaw illi sabiex ikun jista' jiġi determinat jekk ir-rikorrent ġarrabx ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti b'dan l-artikolu, irid jiġi eżaminat il-proċess kriminali kollu fit-totalità tiegħu. Illum dak il-proċess kriminali għadu qiegħed jiżvolġi u huwa għalhekk impossibbli li jsir l-eżerċizzju ta' eżami sħiħ tiegħu kif tirrikjedi lanjanza ta' allegat ksur tad-dritt għal smiegħ xieraq;

2. Illi bla ħsara għas-suespost u wkoll preliminarjament, jekk jirriżulta li r-rikorrent ma eżawriex mir-rimedji ordinarji mogħtija lilu bil-liġi, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorament l-ilmenti mressqa, u dan a tenur tal-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

3. Illi bla ħsara għas-suespost, l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;

4. Illi kif ġie stabbilit b'mod kostanti fil-ġurisprudenza kemm nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja, biex tinsab leżjoni tas-smiegħ xieraq kif imħares taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-totalità tiegħu. Bħala regola, sabiex jkun jista' jigi apprezzat jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jseħħu iżda irid iħares u jeżamina jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri jkunux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sustanza u fl-apparenza;

5. Illi bla ħsara għas-suespost, sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstemgħa minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali jipprovdi wkoll li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'liġi. Għaldaqstant, jeżistu salvagwardji biżżejjed fid-dritt proċedurali nostrali sabiex jovvjaw għal kull periklu ta' leżjoni ta' smigħ xieraq, liema salvagwardji jiggarantixxu proċess xieraq u smigħ gust. Fil-każ odjern, il-proċeduri kriminali inżammu u ser jitkomplu jinżammu minn qorti indipendenti u imparzjali, ir-rikorrent għandu aċċess għall-qorti, is-smigħ qiegħed isir fil-preżenza tar-rikorrent, kien debitament assistit, il-partijiet ġew trattati b'mod ugwali mingħajr ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra, ir-rikorrent ngħata l-opportunità kollha biex jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel u se jkompli jingħata d-dritt li jiddefendi l-każ, u r-rikorrent ingħata u ser ikompli jingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu. Ir-

rikorrent waqt il-ġuri se jkollu kull opportunità li tippermetti l-liġi sabiex jiddefendi l-każ tiegħu. Għaldaqstant ma hemmx ksur tad-dritt għal smigħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali;

6. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu r-rikorrent qiegħed jallega li jekk ma jingħatax il-perjodu ta' għaxart'ijiem sabiex jiddetermina u jiddeċiedi jekk għandux jgħaddi ġuri bil-ġurati jew mingħajr ġurati ser jiġi leżi d-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq, l-esponenti jwieġbu li din hija wkoll infondata u dan għal diversi raġunijiet. L-emenda lil proviso għas-subartikolu (6) tal-Artikolu 436 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz tal-Att VII tal-2025 ma tapplikax għall-proċeduri in kwistjoni fil-konfront tar-rikorrent, u dan peress li daħlet fis-seħħ ferm wara li r-rikorrent irċieva l-avviż imsemmi fl-Artikolu 438(6) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Li kieku l-Leġislatur ried li tali emenda tapplika ukoll għal akkużati li ġia kienu notifikati bl-avviż imsemmi fl-Artikolu 438(6) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Leġislatur kien jipprovdi għal disposiżizzjoni transitorja jew kien anke jemenda s-subartikolu (6) tal-Artikolu 438 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif tajjeb qieset l-Onorabbli Qorti Kriminali fid-digriet datat l-20 ta' Marzu, 2025 fil-proċeduri penali in kwistjoni fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Micallef Rio, Tabone David, Vella Darren James', l-Att VII tal-2025 ma provdiex għal dispożizzjoni transitorja applikabbli għal dawk il-ġurijiet li kienu diġa' appuntati għas-smiegħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tal-att, isegwi għalhekk li tali emenda ma hijiex applikabbli għar-rikorrent;

7. Illi bla ħsara għas-suespost, u fi kwalunkwe każ, il-jedd għal smigħ xieraq jiggarantixxi biss jeddijiet proċedurali bażiċi sabiex jiżgura li proċess ikun verament xieraq, u dan billi jiżgura parità ġenerali bejn il-partijiet kontendenti, u li kull parti jkollha opportunità xierqa biex tressaq il-każ tagħha. Fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, hemm garanziji addizzjonali tenut kont tan-natura partikolari tagħhom. Fi kwalunkwe każ iżda, il-jedd għaż smigħ xieraq ma jiggarantixxix jew jipprovdi, kif effettivament qiegħed jargumenta r-rikorrent, jedd fundamentali sabiex hu jiddetermina jekk il-każ tiegħu għandux jiġi determinat minn ġudikant jew minn ġurija. Dan il-jedd fundamentali jiggarantixxi biss li meta l-każ jinstema' – kemm jekk quddiem imħallef kif ukoll jekk quddiem ġurija – jitmexxa b'mod xieraq, u ma jirregolax preċiżament xi tkun il-kompożizzjoni li tiddetermina l-fatti ta' każ;

8. Illi bla ħsara għas-suespost, u fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti jeċċepixxu li din il-kawża ma hija xejn għajr tentattiv sabiex ir-rikorrent ikompli jtawwal il-proċeduri fil-konfront tiegħu u dan tenut ukoll tal-fatt li l-att tal-akkuza fil-konfront tiegħu inħarġet tnax il-sena ilu fis-sena 2013 u il-

ġuri diġà` ġie iddifferit drabi oħra fuq talbiet tar-rikorrenti stess.

9. Illi bla ħsara għas-suespost, gie invokat ukoll l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni li jirrigwardaw il-jedd baziku li persuna ma tistghax tinstab hatja ta` reat li ma jkunx ezistenti fiz- zmien li jitwettaq il-fatt liema jedd iħaddan il-principju tan-*Nullum crimen, nulla poena sine lege (There is no crime, when there is no law punishing the same).* Bħala punt ta' prinċipju gie stabbilit li biex wieħed ikun jista' jinvoka favur tiegħu l-protezzjoni taħt l-**artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni** huwa meħtieġ li dak li jkun ikun instab ħati ta' reat li ma jkunx kontemplat fil-liġi u li jkun ġie espost għall-piena li tkun eħrex minn dik li tkun applikabbli skont l-istess liġi. Jgħidu dwar dan il-punt l-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick** fl-opra tagħhom, *Law of the European Convention on Human Rights, (*it-tieni edizzjoni paġna 332) li, *"The wording of Article 7(1) is limited to cases in which a person is ultimately 'held guilty' of a criminal offence* (***X v Netherlands No 7512/76***). *A prosecution that does not lead to a conviction, or has not yet done so, cannot raise an issue under Article 7 – at least not by means of an individual application* (***X v UK No 6056/73)***";

Ghalhekk dan l-artikolu jistabbilixxi li:-

(i) huwa projbit li persuna tigi akkuzata b' reat meta fil mument meta hija ikkommettiet l-att, dak l-att ma kienx jammonta ghal reat , i.e. *retroactive application of a criminal offence*;

(ii) persuna tista' titressaq biss ghal reat illi kien jammonta ghal tali meta gie kommess l-att;

*(iii)* isegwi illi sabiex tkun taf jekk l-azzjoni hijiex wahda kriminali jew le, jehtieg li l-ligi li tikkostitwixxi dak ir-reat tkun accessibbli u cara, i.e. *"legal certainty."*

10. Illi gie ritenut mill-Qorti ta` Strasburgu li *the rules on retroactivity set out in Article 7 of the Convention only apply to the provisions defining the offences and the corresponding penalties* u li ***in principle, they do not apply to procedural laws, the immediate application of which in conformity with the tempus regit actum priniciple was deemed reasonable*** ara f`dan is-sens il-*Guide on Article 7 on the European Convention on Human Rights No punishment without law: the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty.* Issir referenza wkoll ghal-kaz ta` *Scoppola v. Italy (No. 2) application number 10249/03* tas-17 ta` Settembru 2009 fejn il-Qorti Ewropea qieset li *the rules on retrospectiveness set out in Article 7 of the Convention apply only to provisions defining offences and the penalties for them; on the other hand, in other cases, the Court has held that it is reasonable for domestic courts to apply the tempus regit actum principle with regard to procedural laws (see, with reference to new regulations on time-limits*

> *for appeals, Mione v. Italy (dec.), no. 7856/02, 12 February 2004, and Rasnik v. Italy (dec.), no. 45989/06, 10 July 2007; see also Martelli v. Italy (dec.), no. 20402/03, 12 April 2007, concerning implementation of a law containing new rules on the assessment of evidence, and Coëme and Others, cited above, §§ 147-149, on the immediate application to pending proceedings of laws amending the rules on limitation). The Court must therefore determine whether the text which, in the present case, underwent the legislative changes complained of, namely Article 442 § 2 of the CCP, contained provisions of substantive criminal law, and in particular provisions influencing the length of the sentence to be imposed.*
>
> 11. Bil-fatt li ghaddiet il-ligi il-gdida mertu tal-kawza odjerna, bl-ebda mod u taht l-ebda ċirkostanza ir-rikorrent ma` sofra ksur ta` l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea jew tal-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u dan ghaliex ir-reati li gie mixli li wettaq ma inbidlux u wisq inqas ma` inbidlet il-piena f`kaz ta` sejbien ta` htija. Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet kollha, bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni l-elementi tal-artikolu 7 jew tal-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni gew b`xi mod lezi u b`hekk il-lanjanza tar-rikorrenti hija hazina u ghandha tigi michuda.
>
> 12. Illi l-esponenti jeċċepixxu li l-azzjoni tar-rikorrenti hija sempliċement frivola u vessatorja, intiża unikament biex tistultifika ġuri li ilu skedat biex isir, li segwa att ta' akkuża li nħareġ ma' tnax-il sena ilu. Ir-rikorrent għandu jerfa' r-responsabbiltà għal dan kollu, inkluż billi jiġi żvestit mid-dritt li jappella d-deċiżjoni eventwali mogħtija fil-kawża odjerna u dan kif elenkat fl-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 4(5) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan apparti li jiġu applikati s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 10 tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kontrih;
>
> 13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

7. Waqt l-udjenza tal-25 ta' Marzu 2025 saret trattazzjoni u l-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza.

8. Qabel xejn ikun utili li jiġu riepilogati l-fatti tal-każ sa fejn dawn huma rilevanti għad-determinazzjoni tat-talbiet li l-Qorti għandha tiddeċiedi dwarhom f'dan il-każ.

9. Ir-rikorrent huwa wieħed minn tliet ko-akkużati fi proċeduri penali dwar drogi u sustanzi illeċiti. Il-ġuri fil-konfront tiegħu u tal-ko-akkużati l-oħrajn beda jiġi ċelebrat nhar it-Tnejn, l-24 ta' Marzu 2025 fid-9am u għadu qed jinstema'.

10. Fis-17 ta' Marzu 2025, ġie promulgat l-Att VII bit-titolu «*Att sabiex jemenda l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kap.537 u liġijiet varji relatati mad-droga*». Fost il-bidliet magħmula b'dan l-Att, hemm ukoll bidla li kellha ssir lill-artikolu 436(6) tal-Kodiċi Kriminali. Din id-dispożizzjoni kienet tgħid hekk:

> Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli li ġejjin ta' dan l-artikolu, l-akkużat jista', mhux iktar tard minn għaxart ijiem wara d-data tan-notifika tal-avviż imsemmi fl-artikolu 438(6) jew tal-ordni msemmi fl-artikolu 620(4), jippreżenta nota fir-reġistru tal-qorti li biha jagħżel li ġuri ma jiġix magħżul għall-kawża jew għad-deċiżjoni dwar kull kwistjoni kollaterali taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi, u kopja uffiċjali ta' dik in-nota għandha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali:
>
> Iżda dan is-subartikolu ma japplikax għall-kawża dwar ir-reat meta t-talba fl-att tal-akkuża tkun għal piena ta' priġunerija għall-għomor.

11. Bl-artikolu 3 tal-Att VII tal-2025, fil-proviso tal-artikolu 436(6) tal-Kodiċi Kriminali żdiedu l-kliem «*ħlief għal reat kontra l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew kontra l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi*», wara l-kliem «*priġunerija għall-għomor*». B'hekk, persuna akkużata b'reat permezz ta' att t'akkuża li fih tkun qed tintalab il-piena ta' priġunerija għall-għomor tista' tagħżel li l-każ tagħha jinstema' mingħajr ġurati biss jekk ir-reat addebitat lilu jkun kontra l-Ordinanzi msemmija fl-emenda magħmula.

12. Jirriżulta paċifiku li r-rikorrent huwa proprju akkużat b'reati kontra dawn l-Ordinanzi.

13. Ir-rikorrent odjern, kif ukoll il-ko-akkużat David Tabone, minnufih wara l-promulgazzjoni tal-emenda msemmija ressqu n-nota li biha ddikjaraw li ma riedux li jintgħażlu l-ġurati fil-każ tagħhom. Jidher li peress li l-ko-akkużat Rio Micallef m'għamilx din l-għażla minnufih, il-Qorti Kriminali iffissat udjenza għall-20 ta' Marzu 2025.

14. Jidher mill-verbal ta' dik l-udjenza li Rio Micallef kien qed isostni li, peress illi fil-mument tal-promulgazzjoni tal-Att VII tal-2025, il-ġuri kien appuntat, u l-akkużati kienu effettivament ilhom notifikati bl-avviż imsemmi fl-artikolu 438(6) tal-Kodiċi Kriminali, it-terminu ta' għaxart ijiem imsemmija fl-artikolu 436(6) tal-Kodiċi preċitat bdew jgħaddu minn dakinhar tal-promulgazzjoni tal-Att VII tal-2025.

15. Matul is-smigħ quddiem il-Qorti Kriminali, id-difensuri ta' Rio Micallef iddikjaraw «*illi l-ġuri fil-konfront ta' dan l-akkużat isir bil-ġurija*». Wara din id-dikjarazzjoni, il-prosekuzzjoni ddikjarat li «*dment li d-difiża kolleġjalment ma tirravviża l-ebda nullità fil-fatt illi l-Qorti tgħaddi biex tapplika l-emendi introdotti fl-Att VII ta' 2025, hija ma għandhiex oġġezzjoni illi l-ġuri ta' Rio Micallef isir bil-ġurija filwaqt li tażżewġ akkużati oħra isir mingħajr ġurija*».

16. Din id-dikjarazzjoni mid-difiża tar-rikorrent u tal-ko-akkużat Tabone saret fl-istess udjenza, iżda d-difensuri tal-ko-akkużat Micallef ma riedux jagħmlu dikjarazzjoni f'dak is-sens.

17. Imbagħad il-Qorti Kriminali ippronunzjat dikriet kif ġej:

> Il-Qorti rat l-emendi introdotti għal proviso tal-artiklu 436 sub-inċiż 6 tal-Kodiċi Kriminali, tosserva illi madanakollu ma hemm ebda emenda fl-Att VII tat-2025 għal dak dispost fl-artiklu 436(6) tal-Kodiċi Kriminali kif lanqas hemm disposizzjoni transitorja applikabbli għal dawk il-ġurijiet li kienu diġà appuntati għas-smiegħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tal-att.
>
> Il-Qorti għalhekk billi l-akkużati ilhom li ġew notifikati bl-avviż tas-smiegħ tal-ġuri mis-16 ta' Diċembru, 2024, ma tistax tilqa' t-talba kontenuta fin-nota tal-akkużati, David Tabone u Darren James Vella.
>
> Billi t-terminu ta' għaxart ijiem konċess fl-artiklu 436(6) tal-Kodiċi Kriminali laħaq iddekorra fid-dawl tal-fatt illi l-emendi li saru għal-liġi ħallew invarjata id-disposizzjoni tal-artiklu 436(6) hawn fuq indikat, u għalhekk il-Qorti tordna li l-ġuri tat-tlett akkużati isir bil-ġurija u jibda nhar it-Tnejn, 24 ta' Marzu, 2025 fid-9:00am.

18. Billi r-rikorrent dehrlu li din id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tikser id-drittijiet fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u taħt l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, ressaq din il-kawża.

19. Il-Qorti sejra qabel xejn tindirizza l-eċċezzjoni preliminari li r-rikorrenti kellu rimedju ordinarju għad-dispożizzjoni tiegħu, u li per konsegwenza din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha kif jipprovdu l-provisos rispettivi tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropea. Skont dak li ngħad matul it-trattazzjoni tal-każ, il-Qorti fehmet li r-rimedju ordinarju li għalih qed jirreferu l-intimat u l-kjamat fil-kawża huwa dak tal-appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali.

20. Fil-każ odjern, ir-rikorrent qed jilmenta mid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tal-20 ta' Marzu 2025 li biha ġie deċiż li l-emenda promulgata bl-Att VII tal-2025 ma kinitx applikabbli għall-każ tiegħu billi t-terminu ta' għaxart ijiem maħsub fl-artikolu 436(6) tal-Kodiċi Kriminali kien iddekorra żmien qabel.

21. Naraw mela jekk deċiżjoni bħal dik tistax tiġi appellata.

22. Id-dritt ta' appell tal-akkużat minn deċiżjonijiet tal-Qorti Kriminali lill-Qorti tal-Appelli Kriminali huwa regolat prinċipalment mill-artikoli 499, 500 u 501 tal-Kodiċi Kriminali.

23. Minn dak li fehmet din il-Qorti, il-kwistjoni li nqalgħet fl-20 ta' Marzu 2025 seħħet <u>wara</u> l-qari tal-att tal-akkuża li jsir skont l-artikolu 438(4) tal-Kodiċi Kriminali, iżda <u>qabel</u> ma l-akkużati jwieġbu jekk humiex ħatja jew le. Ir-rikorrent u l-ko-akkużati l-oħrajn kienu effettivament ressqu eċċezzjonijiet taħt l-artikolu 449 tal-Kodiċi Kriminali fiż-żminijiet imsemmija fl-artikolu 438, u b'konsegwenza ta' dan kien inżamm smigħ mill-Qorti Kriminali u ingħatat sentenza dwar dawk l-eċċezzjonijiet. Minn dak li setgħet tirrileva din il-Qorti, kompriż mill-verbal tal-udjenza tal-ġuri tal-24 ta' Marzu 2025, is-sentenza tal-Qorti Kriminali kienet anki ġiet appellata u l-appell ġie eventwalment deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Dan kollu jfisser li l-att tal-akkuża kien inqara lir-rikorrenti f'dik l-epoka, filwaqt li r-rikorrenti wieġeb jekk huwiex ħati jew le biss fl-24 ta' Marzu 2025.

24. L-artikolu 499(1) tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

> Appell jista' jsir lill-Qorti tal-Appell Kriminali fuq talba tal-Avukat Ġenerali jew tal-akkużat minn kull deċiżjoni mogħtija wara l-qari tal-att tal-akkuża u qabel ma l-akkużat iwieġeb jekk hux ħati jew le fuq kull waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449(1)(a), (b), (ċ), (d), u (g) u minn kull deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà ta' provi.

25. Din id-dispożizzjoni għalhekk tirreferi għall-perijodu ta' żmien li fih seħħ l-episodju tal-20 ta' Marzu 2025. Għalhekk irridu naraw jekk dak li ddeċidiet dwaru l-Qorti Kriminali fl-20 ta' Marzu 2025 jammontax għal waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija f'dik id-dispożizzjoni.

26. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li seħħ fl-20 ta' Marzu 2025 effettivament jikkostitwixxi deċiżjoni interlokutorja. Fil-kuntest penali, ġie miżmum fid-deċiżjoni ***Ludgarda Anderson vs. Concetta Galea*** (Appell Kriminali, 16 t'Ottubru 1901)[2] illi:

> Che i vocaboli "decreti interlocutori" usati nella legge non hanno soltanto il significato ristrettivo di quei decreti che si rendono nella trattazione di una causa utili per darsi quei provvedimenti necessari onde devenire ad una sentenza definitiva nel merito, ma un senso ampio e comprensivo d'ogni specie di decreti…

27. Fehma din li baqgħet tiġi espressa permezz ta' deċiżjonijiet sussegwenti. Hekk, per eżempju, fid-deċiżjoni ***Il-Pulizija vs. Manwel Mizzi et*** (Appell Kriminali, 27 ta' Novembru 1954)[3] ġie mfisser li: «*…l-espressjoni "digriet interlokutorju" għandha sens ampju, b'mod li tikkomprendi mhux biss provvedimenti interinali jew ordinatorji mogħtija fil-kors tal-kawża, imma anki kull xorta ta' digriet…*»[4]. Għalkemm dawn id-deċiżjonijiet kienu jirrigwardaw proċeduri li nżammu quddiem il-Qrati Inferjuri, u li fihom id-dritt t'appell huwa regolat b'dispożizzjoni

---

[2] Kollezz. Vol.XVIII.iv.29.
[3] Kollezz. Vol.XXXVIII.iv.915.
[4] Ara wkoll fl-istess sens ***Il-Pulizija vs. Salvu Galea*** (Appell Kriminali, 5 ta' Marzu 1992 – Kollezz. Vol.LXXVI.v.756) u ***Il-Pulizija vs. Peter Paul Debono*** (Appell Kriminali, 26 ta' Mejju 1994 – Kollezz. Vol.LXXVIII.v.235).

differenti[5], il-Qorti tqishom xorta waħda rilevanti sa fejn dawn ifissru dak li huwa kompriż fit-terminu «dikriet interlokutorju».

28. Issa għal dak li jirrigwarda dikrieti interlokutorji mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, il-liġi tipprovdi proċedura differenti. Ibda biex l-artikolu 415 mhux applikabbli għal dawk il-provvedimenti, tant li dik id-dispożizzjoni tinsab kollokata f'sub-titolu partikolari tal-Kodiċi Kriminali li huwa intitolat «*Fuq l-Appelli mis-Sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali*». Ġie fil-fatt deċiż, per eżempju, li dikriet interlokutorju mogħti fil-kors ta' ġuri mhux appellabbili (ara f'dan is-sens ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Gioacchino sive Jack Pace et***, Appell Kriminali, 15 ta' Novembru 1988)[6]. Aktar riċentement, u b'xebħ akbar mal-fattispeċi tal-każ odjern, ġie miżmum fid-deċiżjoni ċitata mir-rikorrenti ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Grazio Azzopardi*** (Appell Kriminali, 4 ta' Diċembru 2024) li: «*…appell quddiem din il-Qorti minn digriet interlokutorji ma huwiex mogħti*».

29. Din il-Qorti tirrileva li illum huma assodati l-prinċipji li għandhom jirregolaw kif u meta għandu jitqies li rikorrent kellu rimedju ordinarju għad-dispożizzjoni tiegħu għall-għanijiet tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea. Fid-deċiżjoni ***Visual & Sounds Communications Limited vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Qorti Kostituzzjonali, 12 ta' Dicembru 2002) ġew elenkati l-prinċipji segwenti:

> (a) Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta` natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta m`humiex disponibbli;
>
> (b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawx raġunijiet serji u gravi ta` illegalita` jew ta` ġustizzja jew ta` żball manifest, ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta` diskrezzjonalita` ta` l-ewwel Qorti kkonferita mill-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni;
>
> (c) kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;

[5] Artikolu 415 tal-Kodiċi Kriminali.
[6] Kollezz. Vol.LXXII.v.917.

> (d) Meta r-rikorrent ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta` kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkunsidra li m`għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk, dak il-possibbli rimedju ma kienx pero` se jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent;
>
> (e) Meta r-rikorrent ma jkunx eżawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero` dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta` ħaddieħor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;
>
> (f) Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab id-diskrezzjoni.

30. Sabiex jingħad li kien hemm rimedju ordinarju disponibbli, dan ir-rimedju, «... *jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi*» (***Peter Paul Muscat vs. Mario Muscat pro et noe et***, Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 26 ta' Marzu 2009).

31. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet magħmula aktar kmieni, din il-Qorti m'hijiex sodisfatta li r-rikorrent tassew għandu dritt t'appell mid-dikriet mogħti mill-Qorti Kriminali fl-20 ta' Marzu 2025. U la hemm inċertezza dwar id-disponibilità ta' dan ir-rimedju ordinarju, mhux il-każ li hija tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u taħt l-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea. Kemm hu hekk, diversi drabi ġie miżmum li anki fejn din il-Qorti tkun sabet li tassew hemm dak ir-rimedju ordinarju, hija jkollha d-diskrezzjoni li tagħżel li teżerċita xorta waħda s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha. Wisq u wisq aktar għalhekk għandha timxi f'dik id-direzzjoni fejn dak ir-rimedju ordinarju jirriżultalha inċert u efimeru għall-aħħar.

32. Għalhekk din l-eċċezzjoni tal-intimat u tal-kjamat fil-kawża qed tiġi respinta.

33. Illi l-Qorti sejra issa tqis il-meritu, flimkien mal-eċċezzjonijiet rimanenti tal-intimat u tal-kjamat fil-kawża.

34. In suċċint, ir-rikorrent iressaq żewġ argumenti għall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti. L-ewwel argument huwa li d-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali li t-tibdil fil-liġi mwettaq permezz tal-promulgazzjoni tal-Att VII tal-2025 ma kienx applikabbli għalih, u b'hekk huwa ma setax jiddeċiedi jekk iridx il-każ tiegħu jinstema' bil-ġurati jew minn Imħallef togat, tikser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. It-tieni argument huwa li dik id-deċiżjoni tikser ukoll l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni, in kwantu teskludi lill-akkużat minn liġi li hija ta' benefiċċju għalih.

35. Inqisu l-ewwel argument u ċjoè dak dwar il-jedd ta' smigħ xieraq. Kemm mill-premessi tar-rikors li bih inbdiet din il-kawża u kemm matul is-sottomissjonijiet li saru fil-kors tat-trattazzjoni, il-Qorti fehmet li l-ilment tar-rikorrent huwa mibni interament fuq il-pretensjoni tiegħu li l-emendi fil-liġijiet tal-proċedura jkollhom effett immedjat sakemm ma jkunx provdut mod'ieħor fl-istess liġi. Għalhekk skont l-istess rikorrent, l-emenda magħmula bl-Att VII tal-2025 kellha titqies applikabbli għalih ukoll.

36. Huwa opportun f'dan l-istadju li din il-Qorti tenfażizza, kif wara kollox għamlet waqt it-trattazzjoni tal-kawża, li l-mansjoni tagħha fil-kawża odjerna m'hijiex li tirrevedi d-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali għal dak li jirrigwarda l-fondament ġuridiku tagħha. Il-mansjoni ta' din il-Qorti huwa <u>biss</u> li teżamina jekk dik id-deċiżjoni twassalx għal vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali invokati mir-rikorrenti. F'dan is-sens għalhekk bosta mis-sottomissjonijiet li saru dwar prinċipji tat-tranżitorjetà tal-liġi proċedurali huma, anki jekk interessanti, irrilevanti għal dak li trid tiddeċiedi dwaru l-Qorti.

37. Dan huwa hekk għaliex ma jirriżultax li l-prinċipju ta' retroattività invokat mir-rikorrenti jikkostitwixxi xi parti komponenti tal-jedd ta' smigħ xieraq kif tutelat mill-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jew mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

38. Fl-ebda ħin matul it-trattazzjoni ta' din il-kawża ma ġie spjegat eżattament kif il-prinċipju tant enfażizzat mir-rikorrenti jinkwadra ruħu fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 jew tal-artikolu 6.

39. Il-Qorti jidhrilha li ma hemm ebda dritt fondamentali sabiex bidliet fil-proċedura ġudizzjarja jidħlu fis-seħħ b'mod retroattiv. Tifhem iżda li jista' jkun il-każ li r-retroattività ta' liġi ġdida – jew in-nuqqas ta' dik ir-retroattività – twassal fiċ-ċirkostanzi kongruwi għal vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq. Naturalment imiss lil min jallega dik il-vjolazzjoni l-oneru li juri li din il-vjolazzjoni seħħet.

40. Fir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet.

41. Fl-ewwel lok, huwa miżmum illi s-smigħ tal-każ minn ġurati huwa proċess kompatibbli mad-dritt ta' smigħ xieraq tal-akkużat (ara f'dan is-sens id-deċiżjoni ***R. vs. Belgium*** (KEDB, 30 ta' Marzu 1992), kif ukoll ***Saric vs. Denmark*** (QEDB, 2 ta' Frar 1999)). Aktar riċentement, fid-deċiżjoni ***Taxquet vs. Belgium*** (QEDB, 16 ta' Novembru 2010) ġie osservat kif ġej:

> 83. The Court notes that several Council of Europe member States have a lay jury system, guided by the legitimate desire to involve citizens in the administration of justice, particularly in relation to the most serious offences. The jury exists in a variety of forms in different States, reflecting each State's history, tradition and legal culture; variations may concern the number of jurors, the qualifications they require, the way in which they are appointed and whether or not any forms of appeal lie against their decisions (see paragraphs 43-60 above). This is just one example among others of the variety of legal systems existing in Europe, and it is not the Court's task to standardise them. A State's choice of a particular criminal-justice system is in principle outside the scope of the supervision carried out by the Court at European level, provided that the system chosen does not contravene the principles set forth in the Convention (see *Achour v. France* [GC], no. 67335/01, § 51, ECHR 2006-IV). Furthermore, in cases arising from individual petitions the Court's task is not to review the relevant legislation in the abstract. Instead, it must confine itself, as far as possible, to examining the issues raised by the case before it (see, among many other authorities, *N.C. v. Italy* [GC], no. 24952/94, § 56, ECHR 2002-X).

> 84. Accordingly, the institution of the lay jury cannot be called into question in this context. The Contracting States enjoy considerable freedom in the choice of the means calculated to ensure that their judicial systems are in compliance with the requirements of Article 6. The Court's task is to consider whether the method adopted to that end has led in a given case to results which are compatible with the Convention, while also taking into account the specific circumstances, the nature and the complexity of the case. In short, it must ascertain whether the proceedings as a whole were fair (see *Edwards v. the United Kingdom*, 16 December 1992, § 34, Series A no. 247-B, and *Stanford v. the United Kingdom*, 23 February 1994, § 24, Series A no. 282-A).

42. Issa tqum il-kwistjoni jekk bil-bidla magħmula fil-liġi ftit jiem qabel iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri tar-rikorrenti, liema bidla ġiet deċiża li mhux applikabbli għall-proċeduri li fihom huwa involut l-istess rikorrenti, ġiex vjolat id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.

43. Din il-Qorti jidhrilha li bl-ebda mod ma jista' jingħad li l-fatt li r-rikorrent ġie eskluż mill-bidla fil-liġi mwettqa bl-Att VII tal-2025 iwassal għall-vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Dan hu hekk għaliex l-effett tal-esklużjoni tar-rikorrenti mill-applikazzjoni ta' dawk il-bidliet leġiżlattivi kien proprju li huwa jibqa' fl-istess pożizzjoni li kien jinsab fiha <u>qabel</u> saru dawk l-emendi. U l-pożizzjoni li fiha r-rikorrent kien jinsab <u>qabel</u> dawk l-emendi kienet pożizzjoni li kienet kompatibbli mad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq skont l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u skont l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

44. Solitament huma bidliet leġiżlattivi li jinterferixxu mad-drittijiet tal-partijiet fil-kors ta' proċeduri ġudizzjarji li jistgħu jagħtu lok għal vjolazzjonijiet tad-dritt ta' smigħ xieraq. Kif intqal fid-deċiżjoni ***Gorraiz Lizarraga and others vs. Spain*** (QEDB, 27 t'April 2004):

> 64. The Court has already had occasion to rule on allegations of intervention by the State, through the legislature, in order to influence the outcome of a case to which it was party in which a finding had already been made against it in the examination on the merits. This was the situation that obtained in *Stran Greek Refineries and Stratis Andreadis* (cited above), *Papageorgiou* (cited above), *National & Provincial Building Society, Leeds Permanent Building Society and Yorkshire Building*

*Society* (“*Building Societies*”) *v. the United Kingdom* (judgment of 23 October 1997, *Reports* 1997-VII), and *Zielinski and Pradal and Gonzalez and Others v. France* ([GC], nos. 24846/94 and 34165/96 to 34173/96, ECHR 1999-VII). On this subject, the Court reaffirms that, while in principle the legislature is not precluded from adopting new retrospective provisions to regulate rights arising under existing laws, the principle of the rule of law and the notion of fair trial enshrined in Article 6 preclude any interference by the legislature with the administration of justice designed to influence the judicial determination of a dispute save on compelling grounds of the general interest (see the following judgments cited above: *Stran Greek Refineries and Stratis Andreadis*, p. 82, § 49; *Papageorgiou*, p. 2288, § 37; *Building Societies*, p. 2363, § 112; and *Zielinski and Pradal and Gonzalez and Others*, § 57).

65. In *Stran Greek Refineries and Stratis Andreadis*, *Papageorgiou* and *Zielinski and Pradal and Gonzalez and Others*, the Court found that there had been a violation of Article 6 § 1 of the Convention.

66. In *Stran Greek Refineries and Stratis Andreadis*, two essential features led the Court to conclude that there had been an infringement of the right to a fair hearing: firstly, the Greek legislature's intervention in the case had taken place at a time when judicial proceedings in which the State was a party were pending; secondly, the fact that the Court of Cassation had decided to adjourn the hearing on the ground that a draft law concerning the case was before Parliament (loc. cit., pp. 81-82, § 47).

67. In *Papageorgiou*, the Court's criticism of the interference was prompted by the following three considerations: firstly, the disputed legislative provision, namely section 26 of Law no. 2020/1992, provided that any claims for repayment of contributions previously paid by the applicants to the Manpower Employment Organisation were extinguished and that any proceedings concerning such claims pending in any court were to be struck out; secondly, section 26 was contained in a statute whose title bore no relation to that provision, a practice prohibited by Article 74 § 5 of the Greek Constitution; finally, the disputed provision had been enacted after the appeal had been lodged by the Public Electricity Company, which employed the applicants, against the judgment of the Athens Court of First Instance, sitting as an appellate court, and prior to the hearing before the Court of Cassation.
In those circumstances, the Court concluded that the enactment of section 26 at such a crucial point in the proceedings before the Court of Cassation resolved the substantive issues for practical purposes and made carrying on with the litigation pointless (see *Papageorgiou*, p. 2289, § 38).

> 68. In *Zielinski and Pradal and Gonzalez and Others*, the Court held that the passing of legislation with retrospective effect had had the effect of endorsing the State's position in the proceedings that had been brought against it and which were still pending in the ordinary courts (loc. cit., § 58).

45. Fejn, min-naħa l-oħra, il-bidla leġiżlattiva ma taffettwax id-drittijiet tal-parti – f'dan il-każ l-akkużat – difficilment tista' tqum vjolazzjoni ta' dritt ta' smigħ xieraq meta dik il-vjolazzjoni ma tkunx teżisti qabel il-bidla leġiżlattiva stess. Ċertament li f'dan il-każ ma ġiex muri mod'ieħor.

46. Għalhekk dan l-ilment tar-rikorrenti huwa karenti minn fondament.

47. It-tieni lment tar-rikorrenti huwa mibni fuq l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, li jipprovdi hekk:

> (1) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.
> (2) Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkun sar, kien kriminali skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati.

kif ukoll fuq l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni, li proprju jivvjeta ir-retroattività ta' liġi penali sa fejn din tista' tolqot ir-reità ta' atti partikolari jew is-severità tal-piena imponibbli. Dik id-dispożizzjoni fil-fatt tipprovdi kif ġej:

> Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul.

48. Huwa ċar minn din id-dispożizzjoni li dak li qed jiġi vjetat mill-artikolu 39 huwa li b'effett ta' liġi ġdida, persuna tista' tinstab ħatja ta' reat għal fatt li ma kienx

jikkostitwixxi reat fiż-żmien meta seħħ, jew inkella li b'dik il-liġi l-ġdida tiġi mposta piena aktar severa minn dik li kienet fis-seħħ fiż-żmien meta r-reat ġie mwettaq. Fi kliem ieħor, dak li huwa vjetat hawnhekk huwa r-retroattività (ara f'dan is-sens ***Il-Pulizija vs. Lawrence Cuschieri***, Qorti Kostituzzjonali, 8 ta' Jannar 1992)[7]. L-ilment tar-rikorrent fil-każ odjern huwa anzi l-kuntrarju – huwa jrid li liġi ġdida jkollha effett retroattiv.

49. L-ewwel subinċiż tal-artikolu 7 fis-sostanza tiegħu huwa l-istess bħat-tmien subinċiż tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u għalhekk dak li osservat il-Qorti fir-rigward huwa tant'ieħor applikabbli għal dan l-ilment tar-rikorrenti.

50. Kif intqal fid-deċiżjoni ***Il-Periti Arkitetti u Inġinieri Ċivili Roger Degiorgio u Arthur Mortimer vs. L-Onorevoli Dottor Giorgio Borg Olivier fil-kwalità ta' Prim'Ministru, l-Onorevoli Dottor Carmelo Caruana fil-kwalità ta' Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi, u Vivien De Gray fil-kwalità ta' Kummissarju tal-Pulizija*** (Qorti Kostituzzjonali, 28 ta' Mejju 1973):

> Din id-dispożizzjoni, kif hu evidenti, ġiet modellata fuq dik tal-konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li hi sostanzjalment tirriproduċi u li, kif ġiet interpretata, mhux biss tipprojbixxi (salv, fid-dispożizzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea, dak li jingħad fil-paragrafu 2 tagħha) l-applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali bi ħsara ta' l-akkużat, imma anki tikkonferma l-prinċipju tal-legalità tar-reati u tal-pieni u tivvjeta l-applikazzjoni estensiva tal-liġi penali "in malam partem" permess tal-analoġija…

51. Ġie wkoll spjegat illi: «*Article 7 also extends to the situation in which the scope of existing law is extended to acts or omissions that were previously not criminal, and lays down the principles that 'the criminal law must not be extensively construed to the accused's detriment'. The application of the existing law may be extended to new conduct by the courts by way of interpretation where its meaning has previously been unclear or is given a changed meaning by the courts in the applicant's case. It will only be in exceptional cases that the Strasbourg Court will find a violation on either of these bases… … As to clarity of meaning, the Court has in several cases not*

[7] Kollezz. Vol.LXXVI.i.1.

*found a breach of Article 7 despite some very generally worded or obscurely drafted laws. This has been either because the national courts have already given it more precise meaning in their case law, or because they have given it a meaning when the point is ruled upon for the first time in the applicant's case that is both foreseeable and consistent with the essence of the offence*»[8].

52. B'danakollu ġie wkoll miżmum illi sabiex tista' ssir riferenza għall-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, hemm il-ħtieġa li l-applikant ikun ġie meqjus ħati, li jfisser li jrid ikun hemm deċiżjoni finali ta' ħtija fil-konfront tiegħu. Mingħajr dik id-deċiżjoni, ma jistax jitqies li jissussisti każ taħt l-artikolu 7. «*In virtue of the wording of Article 7 the measure in question must be imposed following a conviction for a 'criminal offence'. The Court takes this as a starting point*»[9]. Fid-deċiżjoni ***Lukanov vs. Bulgaria*** (Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 12 ta' Jannar 1995) qieset hekk:

> The Commission notes that the proceedings instituted against the applicant have not yet been terminated. He has not, therefore, been "held guilty of any criminal offence" as set out in Article 7 para. 1 (Art. 7-1) of the Convention.
>
> The applicant cannot, therefore, be regarded as a victim of a violation of Article 7 (Art. 7) of the Convention. This part of the application is therefore manifestly ill-founded within the meaning of Article 27 para. 2 (Art. 27-2) of the Convention.

53. Anki fil-pubblikazzjoni ***Guide on Article 7 of the European Convention on Human Rights***[10] jingħad:

> Article 7 only applies where the person has been "found guilty" of committing a criminal offence. It does not cover mere ongoing prosecutions, for example (Lukanov v. Bulgaria, Commission decision of 1995), or a decision to extradite an individual (X v. the Netherlands, Commission decision of 1976). For the purposes of the Convention, there can be no "conviction" unless it has been established in accordance with the law that there has been an offence (Varvara v. Italy, 2013, § 69).

---

[8] ***Harris, O'Boyle & Warbrick,*** Law of the European Convention on Human Rights (Oxford, 2nd Edition), pġa.335.
[9] ***Van Dijk & van Hoof,*** Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Kluwer Law International, 3rd Edition) pġa.479. Ara wkoll ***Harris, O'Boyle & Warbrick,*** op cit, pġa.332.
[10] 28 ta' Frar 2025 - §3.

54. Għar-raġuni biss allura li l-proċeduri kontra r-rikorrenti għadhom għaddejjin, u għalhekk għad ma kienx hemm sejbien ta' ħtija fil-konfront tiegħu, l-artikolu 7 ma jistax jiġi minnu nvokat.

55. B'żieda ma' dak appena osservat, il-Qorti jidhrilha li l-ambitu tal-artikolu 7 m'huwiex daqshekk wiesgħa daqs kemm jogħġbu jifhem ir-rikorrent. Fid-deċiżjoni ***Camilleri vs. Malta*** (QEDB, 22 ta' Jannar 2013) hekk ġew imfissra l-parametri tal-artikolu 7:

> The guarantee enshrined in Article 7 should be construed and applied, as follows from its object and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment (see *S.W. v. the United Kingdom* and *C.R. v. the United Kingdom*, 22 November 1995, § 34 and § 32 respectively, Series A nos. 335-B and 335-C, and *Kafkaris v. Cyprus* [GC], no. 21906/04, § 137, ECHR 2008). Article 7 § 1 of the Convention sets forth the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (*nullum crimen, nulla poena sine lege*). It follows that offences and the relevant penalties must be clearly defined by law.

56. Fir-rikors promotur tiegħu, ir-rikorrent jiċċita bran mid-deċiżjoni fil-każ ***Scoppola vs. Italy (No.2)*** (QEDB, 17 ta' Settembru 2009). Il-bran li r-rikorrent għoġbu jiċċita huwa dan:

> …Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.

57. Dan però huwa biss parti minn dak li osservat il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Din il-Qorti sejra tirriproduċi l-bran kollu:

> 108. In the Court's opinion, it is consistent with the principle of the rule of law, of which Article 7 forms an

> essential part, to expect a trial court to apply to each punishable act the penalty which the legislator considers proportionate. Inflicting a heavier penalty for the sole reason that it was prescribed at the time of the commission of the offence would mean applying to the defendant's detriment the rules governing the succession of criminal laws in time. In addition, it would amount to disregarding any legislative change favourable to the accused which might have come in before the conviction and continuing to impose penalties which the State – and the community it represents – now consider excessive. The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties.
>
> 109. In the light of the foregoing considerations, the Court takes the view that it is necessary to depart from the case-law established by the Commission in the case of *X v. Germany* and affirm that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.

58. Qari tal-bran ċitat mir-rikorrenti jista' jwassal lil wieħed biex jifhem li l-Qorti Ewropea kienet qed tistabbilixxi, bħala prinċipju ġenerali, li <u>kwalsiasi</u> liġi aktar favorevoli lill-akkużat – tkun dwar x'hiex tkun – għandha tiġi applikata favur tiegħu. Iżda huwa evidenti, minn qari tal-bran kollu, li l-Qorti kienet qed tirreferi biss għal dawk il-liġijiet kriminali li jinċidu fuq il-piena imponibbli fuq l-akkużat, u l-prinċipju għalhekk mhux ġenerali kif jixtiequ jkun ir-rikorrenti. Dan huwa konformi mal-qari litterali tal-artikolu 7(1), li fil-fatt jivvjeta biss li persuna ma tinstabx ħatja ta' reat dwar fatt li meta twettaq ma kienx maħsub bħala reat, u dwar bidliet fil-piena imponibbli. Kemm hu veru, fil-bran sussegwenti fl-istess deċiżjoni l-istess Qorti Ewropea żammet kif ġej:

> 110. **The Court reiterates that the rules on retrospectiveness set out in Article 7 of the Convention apply <u>only</u> to provisions defining offences and the penalties for them**[11]; on the other hand, in other

[11] Enfażi in calce u sottolinear miżjuda mill-Qorti.

> cases, the Court has held that it is reasonable for domestic courts to apply the *tempus regit actum* principle with regard to procedural laws (see, with reference to new regulations on time-limits for appeals, *Mione v. Italy* (dec.), no. 7856/02, 12 February 2004, and *Rasnik v. Italy* (dec.), no. 45989/06, 10 July 2007; see also *Martelli v. Italy* (dec.), no. 20402/03, 12 April 2007, concerning implementation of a law containing new rules on the assessment of evidence, and *Coëme and Others*, cited above, §§ 147-149, on the immediate application to pending proceedings of laws amending the rules on limitation). The Court must therefore determine whether the text which, in the present case, underwent the legislative changes complained of, namely Article 442 § 2 of the CCP, contained provisions of substantive criminal law, and in particular provisions influencing the length of the sentence to be imposed.

59. F'deċiżjonijiet sussegwenti dan il-prinċipju ġie dejjem applikat f'każijiet fejn l-applikant kien qed jilmenta li fuqu ġiet imposta piena aktar severa li permezz ta' bidliet leġiżlattivi posterjuri, kienet ittaffiet (ara per eżempju ***Koprivnikar vs. Slovenia***, QEDB, 24 ta' Jannar 2017; kif ukoll ***Gouarrè Patte vs. Andorra***, QEDB, 12 ta' Jannar 2016). Din il-Qorti ma sabet ebda deċiżjoni fejn il-prinċipju li fuqu qed jistrieħ ir-rikorrent ġie applikat b'riferenza għal xi xorta ta' liġi oħra kriminali. Anzi, fil-każ ta' ***Scoppola*** li fuqu tant jistrieħ ir-rikorrent ġie riaffermat il-prinċipju *tempus regit actum* dwar liġijiet proċedurali li ma jinċidu xejn fuq il-piena jew fuq l-ingredjenti tar-reat.

60. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, il-bidla magħmula bl-Att VII tal-2025 ma jista' jkollha ebda effett fuq is-severità tal-piena li tista' tiġi mposta fuq ir-rikorrent. Jingħad «tista'» għaliex l-ebda piena għadha ma ġiet imposta, u b'konsegwenza ta' dan, l-artikolu 7 ma jistax jiġi nvokat. Però l-Qorti qiegħda wkoll tmur lil'hinn minn dak l-aspett, u qed issib li l-bidla magħmula bl-Att VII tal-2025 ma tolqotx liġi li għaliha japplika l-artikolu 7, u ċjoè liġi li tolqot id-definizzjoni ta' reat u liema atti jew omissjonijiet jikkostitwixxu reati, jew liġi li tolqot il-piena imponibbli għal xi reat.

61. L-emenda magħmula taffettwa biss il-mod kif jinstema' l-każ kontra l-akkużat, fis-sens li jagħti lill-akkużat il-fakultà li jagħżel li l-każ tiegħu jinstema' mingħajr ġuri. L-ebda inċidenza fuq il-piena ma jista' jkollha l-eżerċizzju ta' dik il-fakultà,

u għalhekk il-piena li r-rikorrent qed jaffaċċja hija l-istess kemm jekk il-każ tiegħu jinstema' bil-ġurati kemm jekk mingħajr.

62. Għalhekk dan l-ilment tiegħu wkoll huwa bla bażi u qed jiġi riġettat.

63. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimat u tal-kjamat fil-kawża;

(ii) tilqa' l-kumplament tal-eċċezzjonijiet tagħhom biss sa fejn huma kompatibbli ma' dak deċiż f'din is-sentenza;

(iii) tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

(iv) tikkundanna lir-rikorrenti jħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

Finalment, u kif mitluba waqt l-udjenza tal-25 ta' Marzu 2025, din il-Qorti qiegħda tqassar iż-żminijiet għall-preżentata tar-rikors tal-appell kif ukoll ta' kull risposta tal-appell għal jumejn utili.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur